MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Numru. 1196/2008

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Marcel Charles Nicholas Tabone, iben Godwin, imwieled Portsmouth, L-Ingilterra fit-23 ta’ April, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fil-waqt li kien fir-residenza matrimonjali tiegħu fi Triq Guliermu, Bormla, fis-27 ta’ Settembru, 2008 għal ħabta tal-5.30 p.m., mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta’ martu Cythia Marie Tabone, minn Bormla f’perikolu ċar, ikkaġunalha ferita ta’ natura gravi, kif iċċertifikat minn Dr. Malcolm Paul Galea M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid u minn Dr. Denise Formosa

M.D., it-tabiba tal-Casualty Department ta' l-Isptar Mater Dei liema ferita jġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ;
b. talli fis-27 ta' Settembru, 2008 ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddieħor biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom, meta kien jaf jew imissu kien jaf li, b'tali mġieba tiegħu, ser jikaġuna lil ħaddieħor biża';
c. talli fl-istess data, ħin u lok ħebb kontra l-persuna ta' Cynthia Marie Tabone sabiex jinġurjaha jew jagħmel ħsara lill-istess.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-persuna hawn fuq imsemmija u tal-familja Tabone.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Cynthia Marie Tabone u il-familja tagħha skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali kemm waqt il-mori tal-kawża, kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li din il-Qorti jidrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju, 2009 fejn Cynthia Marie Tabone, mart l-imputat, infurmat lill-Qorti li l-feriti li ġarrbet f'wiċċha damu aktar minn tletin (30) ġurnata biex ifiequ iżda ma ħallew ebda marka fuq wiċċha. Minbarra dan, hi qed taħfer lill-żewġha, l-imputat, u qed tirriunzja għall-azzjoni kriminali. Hi nfurmat lill-Qorti li llum il-familja hi maqgħuda u hi komposta wkoll minn żewġ titfal, wieħed ta' tnax il-sena u ieħor ta' seba' snin.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat skuza ruħu ma martu tal-akkadut u qed jammetti l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, minħabba r-rinunzja da parte tal-parte ċivile tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda t-tielet akkuża miġjuba kontra l-imputat. Issibu ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli

216(1)(d) u 251B tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta fejn martu ħafritlu u għandu fedina penali netta. Fil-fehma ta' din il-Qorti sentenza ta' priġunerija ma tkunx f'lokha. Għalhekk, tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma nqabdu ebda esperti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------